**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Divizjoni ta' L-Edukazzjoni

| L-EWWEL SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

**Isem:_____________________________________** **Klassi: ____________**

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| interazzjoni | rwol | istatus soċjali | Soċjalizzazzjoni | kultura |
| konflitti | normi | nukleari | dmirijiet | istudji soċjali |

1. Ix-xogħol jew funzjoni tagħna fis-soċjeta', li jġib miegħu drittijiet u dmirijiet huwa r-___________________.

2. Bis-___________________ l-individwu jitgħallem l-kultura tas-soċjeta' fejn jgħix.

3. Kull soċjeta' għandha n-___________________ tagħha li jmexxu l-imġiba f'sitwazzjonijiet differenti.

4. Il-___________________ ta' kull soċjeta' hija l-mod ta' kif il-membri tagħha jġibu ruħhom u kif dan jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

5. Ilum il-ġurnata il-familja saret waħda ___________________ li tikkonsisti fil-ġenituri w l-ulied.

6. L-___________________ hi l-pożizzjoni u l-prestiġju li jġib miegħu r-rwol tagħna fis-soċjeta'.

7. L-espressjoni ta' wiċċna hi mezz qawwi fl-___________________.

8. Fl-___________________ nitgħallmu kif is-soċjeta' torganizza ruħha biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

9. Xi kultant jistgħu jinqalgħu xi ___________________ fil-familja li jistgħu jissolvew meta jkun hemm interazzjoni soċjali.

10. Biex soċjeta' timxi sew iċ-ċittadini jridu jwettqu d-___________________ tagħhom.

***Total 10 marki***

**Taqsima B**

**Qabbel il-lista A mal-B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Familja simetrika | | Tħossok ħaġa waħda ma' ħaddieħor, bħala individwu, grupp, nazzjon, fil-ferħ u fin-niket. |
| 2. | Soċjalizzazzjoni primarja | | It-tmexxija u r-responsabbilta' tinqasam indaqs bejn il-mara u r-raġel. |
| 3. | Familja estiża | | L-ewwel ambjent fejn nieħdu dawk il-valuri u r-regoli ta' mġiba bi tħejjija għall-ħajja fis-soċjeta'. |
| 4. | Solidarjeta' | | Tikkonsisti f'ġenituri, ulied, u xi qraba oħra bħal zijiet u nanniet. |
| 5. | Talenti | | Membru ta' nazzjon bi drittijiet u dmirijiet lejn l-oħrajn. |
| 6. | Dritt | | Il-kwalitajiet tajbin f'ħajti. |
| 7. | Dmir | | Dak li jien, bħala ċittadin, nistħoqqli nieħu mis-soċjeta'. |
| 8. | Soċjeta' | | Dak li jien irrid nagħti bħala ċittadin lis-soċjeta'. |
| 9. | Gruppi | | Organizzazzjoni ta' gruppi u individwi mibnija fuq normi u liġijiet. |
| 10. | Ċittadin | | Nies li jaħdmu fuq l-istess regoli u jimxu għall-istess għan. |

***Total 10 marki***

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta u wieġeb**

Tagħlim formali huwa dak it-tagħlim li nirċievu meta nkunu ġo dik l-istituzzjoni mwaqqfa apposta biex teduka lin-nies fis-soċjeta'. L-iskola teduka b'mod formali permezz ta' programmi ta' studju jew sillabu maħsuba għall-istudenti. It-tagħlim formali, jista' jiġi eżaminat wara perijodu ta' żmien minn għalliema. L-iskola twassal ukoll edukazzjoni informali li mhux miktub f'sillabu. F'dawn l-attivitajiet jew proċessi, l-iskola tkun qegħda twassal messaġġi pożittivi lill-istudenti.

**Wieġeb fl-ispazju pprovdut**

1. X'tifhem bil-frażi 'tagħlim formali'?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2 marki**

2. Agħti *2* eżempji ta' tagħlim formali.

____________________ ____________________ **2 marki**

3. Semmi kif l-iskola tagħti opportunitajiet għat-tagħlim informali. Agħti **3** eżempji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**3 marki**

4. Taħseb li t-tagħlim informali huwa importanti għall-ħajja ta' l-istudent? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**3 marki**

5. Barra mill-iskola wkoll issir edukazzjoni informali. Agħti **4** eżempji ta' kif dan jista' jsir.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

6. Taħseb li l-edukazzjoni neħduha biss mill-iskola?

______________________________________________

**marka**

***Total 15-il marka***

**Taqsima D**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.</u>**

1. L-Istudji Soċjali huwa importanti għaliex jgħin lill-istudenti biex:

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

c. ______________________________________________

**3 marki**

2. Semmi tliet żvantaġġi li jkollu individwu meta ma jgħixx ma' l-oħrajn.

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

c. ______________________________________________

**3 marki**

3. Semmi tliet modi ta' kif issir is-soċjalizzazzjoni.

a. ______________________________

b. ______________________________

c. ______________________________

**3 marki**

4. Għaliex il-familja qiegħda ssir simetrika?

______________________________

______________________________

______________________________

**3 marki**

5. X'differenza tgħaddi bejn familja estiża u familja nukleari?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**4 marki**

6. X' inhuma l-funzjonijiet tal-familja? Semmi tnejn minn dawn il-funzjonijiet.

a. ______________________________

b. ______________________________

**2 marki**

7. X'siwi għandha l-edukazzjoni fil-ħajja ta' kuljum? Agħti ***4*** raġunijiet

a. ______________________________

b. ______________________________

c. ______________________________

d. ______________________________

**4 marki**

8. Xi rwoli jista' jkollhom l-anzjani fil-familja?

______________________________

______________________________

______________________________

**3 marki**

***Total 25 marki***

**Taqsima E**

**<u>Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.</u>**

**Sitwazzjoni 1**

Fi grupp taż-żgħażagħ ikun hemm membri ta' kull eta'. Isiru ħafna attivitajiet differenti, iżda xi wħud miż-żgħażagħ jibqgħu lura milli jesprimu l-idejat tagħhom.

Min jista' jgħinhom joħorġu minn qoxrithom u kif jista jseħħ dan?

________________________________________________________________________________

**5 marki**

**Sitwazzjoni 2**

Flimkien mal-familja ta' Marija tgħix in-nanna. Din tgħidx kemm hi maħbuba mill-familjari tagħha. Tixtieq li kieku tgħin lill-familja tagħha.

Xi rwoli tista' tieħu n-nanna f'din il-familja?

________________________________________________________________________________

**5 marki**

**Sitwazzjoni 3**

Toni, tifel ta' tliet snin, sikwit isib ruħu quddiem it-televixin jara l-cartoons. Ftit li xejn jilgħab mat-tfal.

X'taħseb li se jkunu d-diffikultajiet li jista' jiltaqa' magħhom fil-futur?

**5 marki**
***Total 15-il marka***

**Taqsima F**

**<u>Agħżel WAĦDA minn dawn u ikteb madwar 150 kelma</u>**

1. L-importanza tal-familja fis-soċjeta'.
2. Għaliex l-Istudji Soċjali huwa importanti għall-ħajja tagħna?
3. Kif nista' nuri solidarjeta' ma' ħaddieħor.
4. L-influwenza tal-'peer group'.

***Total 25 marka***